**1 ta' Frar, 1988**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Ludovico Azzopardi

*versus*

John Magro *et*

**Appell – Malleverija – Petizzjoni ta' Appell – Nullità – Nullità ta' Petizzjoni ta' Appell li ma Tkunx Akkompanjata minn Malleverija**

*Il-malleverija trid tiġi pprezentata kontestwalment mal-petizzjoni u n-nuqqas ta' din il-garanija kontestwalment ma' din il-petizzjoni huwa difett proċedurali fatali li ma jistax jiġi sanat, għaliex it-terminu għall-prestazzjoni tal-garanzija għall-ispejjeż għall-ġudizzju huma perentorji u improrogabbli.*

*Meta l-petizzjoni li ma tkunx akkompanjata mill-malleverija kontrarjament għal dak li jipprovdi l-artikolu 249(1) tal-Kap. 12 tiġi ciononostante riċevuta mir-Reġistratur, il-ksur ta' l-imsemmi divjet iġib għall-konsiderazzjoni tar-riċezzjoni tal-petizzjoni bħala mhux avvenuta "pro infectis habeantur".*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-kompetenza Superjuri bħala Qorti Kummerċjali li biha l-attur ippremetta illi l-attur kellu *workshop* ta' *mechanic*, bl-isem *"Pardi Motors"* fi N.B. Triq ir-Repubblika, Victoria, Għawdex, u illi l-konvenut għal diversi snin sa Mejju ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982), f'okkażjonijiet numeruzi kien inqeda bis-servizzi ta' din id-ditta u illi hija dovuta lill-attur mill-konvenut, is-somma ta'

elf u tmienja u disgħin lira Maltija u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm1098.46,0), ħlas għal xogħol magħmul mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, u għal *"spare parts"* u oġġetti anċillari mixtrija minnu mingħand l-attur, kif jidher mill-kont anness u mmarkat Dokument "A"; u illi l-konvenut minkejja l-interpellazzjonijiet ta' l-attur, għadu ma ħallasx dan id-debitu u għalkemm oriġinarjament kien aċċettah u wiegħed li jħallsu, riċentement beda jallega li dan id-debitu kien dovut minn xi assoċjazzjoni oħra, b'liema assoċċjazzjoni l-attur qatt ma ġie mgħarraf fi żmien is-servizzi pprestati u talab li din il-Qorti (1) tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' elf u tmienja u disgħin lira maltija u sitta u erbgħin ċenteżmu, jew ammont verjuri li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, ħlas għal servizzi ta' *"mechanic"* ipprovduti, u għal *"spare parts"* mibjugħa lill-konvenut; (2) tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur din is-somma. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta f'Lulju ta' l-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983), u bl-imgħaxijiet relattivi. Il-konvenut ġiet mħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi x-xogħol magħmul mill-attur u l-*ispare parts* u oġġetti anċillari oġġett tal-preżenti kawża kienu mibjugħa mhux lill-eċċipjent waħdu, iżda lill-eċċipjenti u sħabu li kienu jiffurmaw parti mill-*partnership en nom collectif* u konsistenti minn Rita Magro, Bro. Emmanuel Magro, Pawla Vella Michaelangela Grech; u għaldaqstant hemm lok li jiġu kkjamati fil-kawża dawn il-persuni; (2) illi fil-mertu, l-eċċipjenti qatt ma rrifjuta li jħallas sehmu mill-kont dovut lill-attur, li jammotta għal mija u sebgħa u tletin lira u tletin ċenteżmu u seba' milleżmi (Lm137.30,7) u għaldaqstant l-ispejjeż fir-rigward ta' l-eċċipjenti għandu jbatihom l-attur; (3) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamati fil-kawża li eċċepew: (1) li huma qatt ma nkarigaw lill-konvenut biex jirrappreżentahom personalment dwar ordnijiet jew xogħlijiet ta' kwalsiasi ġeneru; (2) illi mingħajr preġudizzju, huma qatt ma kellhom relazzjoni kuntrattwali ma' l-attur u qatt ma kkuntrattaw personalment ma' ħadd: (3) illi mingħajr preġudizzju jekk il-konvenut ikkontratta ma' l-attur, dan għamlu fuq bażi personali, u *se mai* għan-nom tas-Soċjetà *"Rotunda Canning Works Limited"* li l-anqas m'hu l-każ li tiġi kjamata in kawża għaliex il-pretensjoni *attriċi ma tirriżultax mill-kotba* kummerċjali ta' l-istess soċjetà; salvi dejjem eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' l-imsemmija Qorti ta' l-10 ta' Ottubru, 1986 li biha filwaqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront biss tal-konvenut u ddikjarat lill-konvenut personalment debitur ta' l-attur fis-somma msemmija ta' Lm1098.46, u kkundannat lill-istess konvenut li jħallas lill-attur is-somma msemmija ta' Lm1098.46, mingħajr preġudizzju ta' dritt ta' rifużjoni *li jista' jkollu l-konvenut fil*-konfront tal-kjamati fil-kawża wara dikjarazzjoni opportuna f'ġudizzju separat *"si et quatenus"*; – bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u dan wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Rat a fol. 54 in-nota ta' l-appell tal-konvenut John Magro u a fol. 55 sa 58 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u minflok illi tikkundanna lill-konvenut waħdu illi jħallas l-ammont mitlub mill-attur, tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamati fil-kawża jħallsu l-ammont mitlub bil-kwoti ta' nofs Rita Magro u ottav kull wieħed

u waħda l-konvenut u l-kjamati fil-kawża l-oħra, u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-attur illi jesegwixxi kontra min mid-debituri jagħżel hu, bl-ispejjeż kontra l-kjamati fil-kawża;

Rat a fol. 66 ir-risposta ta' l-appell tal-kjamati fil-kawża Rita Magro, *Father* Emanuel Magro, Pawla Vella u Michael Angela Grech li biha preliminarjament eċċepew in-nullità tal-petizzjoni ta' l-appell *stante* li ma ġietx annessa magħha l-garanzija għall-ispejjeż skond ma jipprovdi l-artikolu 249(1) tal-Kap. 12 u dan in-nuqqas iġib in-nullità fit-termini ta' l-artikolu 789(d) ta' l-istess Kap.;

Rat ukoll a fol. 70 ir-risposta ta' l-attur għall-petizzjoni ta' l-appell;

Semgħet it-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamati fil-kawża dwar in-nullità ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 249 tal-Kap. 12 "Ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża;

Issa huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li l-malleverija trid tiġi ppreżentata kontestwalment mal-petizzjoni u li n-nuqqas ta' dan il-garanzija kontemporanjament mal-preżentata tal-petizzjoni huwa difett proċedurali fatali li ma jistax jiġi sanat, għaliex it-terminu għall-prestazzjoni tal-garanzija għall-ispejjeż tal-ġudizzju huma perentorji u improrogabili. F'dan is-sens huma s-sentenzi ta' din il-Qorti li ngħataw fit-2 ta' Marzu, 1983 *in re* Fenech *vs* Lia *et noe*, fil-31 ta' Marzu, 1978 *in re* Garroni

utrinque, fit-30 ta' Settembru, 1983 *in re* Bennetti *utrinque*, fid-19 ta' Jannar, 1983 *in re* Forth Bernard *utrinque* u fit-8 ta' Diċembru, 1983 *in re* Rossignaud *et noe vs* Bartolo *et noe*. Jista' jiżdied ukoll dak li qalet din il-Qorti *in re:* Humphries *vs* Gilbert (Koll. Vol. XII. 99) in materja u ċjoè illi meta l-petizzjoni li ma tkunx akkompanjata mill-malleverija kontrarjament għal dak li jipprovdi l-artikolu 249(1) tal-Kap. 12 tiġi *ciononostante* riċevuta *mir-Reġistratur, il-ksur ta' l-imsemmi divjet iġib għall*-konsiderazzjoni tar-riċezzjoni tal-petizzjoni bħala mhux avvenuta "*pro infectis habeantur*";

Fil-każ in diżamina l-konvenut appellant fil-petizzjoni tiegħu fl-aħħar paragrafu li jikkontjeni t-talbiet tiegħu qal li kien qed jappella "filwaqt li jġib l-infraskritta malleverija skond il-liġi biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dan l-appell". Minn eżami akkurat tal-proċess u mix-xiehda ta' l-Aġent Reġistratur *din il*-malleverija ma jirriżultax li nġabet u dan in-nuqqas fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali premessi ma jistax ma jġibx bħala konsegwenza n-nullità ta' l-appell tal-konvenut John Magro. Dana peress li l-petizzjoni tiegħu titqies nulla u għalhekk bħallikieku qatt ma ġiet ippreżentata;

Għal dawn il-motivi għalhekk filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamati fil-kawża dwar in-nullità tal-petizzjoni ta' l-appell tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tiddikjara l-istess bħala irritu u null bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut appellant.